MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 693/2005

**Michael Attard Holdings Ltd gia Michael Attard Ltd C6093**
**Vs**
**Shawn Curmi I.D. 254175(M) u Kelly Curmi I.D. 38477(M)**

**Il-Qorti**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi:

Premess illi l-konvenuti kienu accettaw u ffirmaw a favur tas-socjeta' attrici diversi kambjali;

Premess illi l-konvenuti illum jinsabu debituri lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef, tlett mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm6,353.20)

rapprezentanti import ta’ sebgha u erbghin (47) kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuti;

Premess li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu pero’ dawn baqghu inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici l-konvenuti m’ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta’ dan id-debitu;

Jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta’ l-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-artikolu 167-170 tal-kapitolu 12;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ sitt elef, tlett mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm6,353.20) rapprezentanti import ta’ sebgha u erbghin (47) kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid prezentati kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mid-data ta’ l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol.3 tal-process.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------